TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 222/17-F

**Matthew Vassallo**

**vs**

**Sound Machine**

Illum 29 ta' Mejju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-6 ta' Diċembru, 2017 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' mija u ħamsa u disgħin ewro (€195), rappreżentanti l-prezz li ħallas sabiex sewwa l-washing machine.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara washing machine mingħand is-soċjeta' ntimata fejn kellu garanzija għal sentejn u kellha tiġi estiża għal ħames snin, u biex ikun hemm it-tielet, ir-raba' u l-ħames sena kellu jimla xi karta. Illi ġralu xi ħsara fil-washing machine fir-raba' sena, u meta ġie t-technician qallu li ma kinitx koperta bil-garanzija u li kellu jħallas mija u ħamsa u disgħin ewro (€195).

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi jidher li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn is-soċjeta' ntimata u r-rikorrenti għar-rigward l-estensjoni tal-garanzija, u li kienet sempliċiment sabiex jimla karta.

It-Tribunal, iħoss illi dan in-nuqqas da parte tar-rikorrenti ma jikkanċellax il-garanzija ta' ħames snin.

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mija u ħamsa u disgħin ewro (€195), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**